# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Jannar 2016

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex id-djalogu sinċier bejn nies ta' reliġjonijiet differenti jħalli frott ta' paċi u ġustizzja.**

**Ninġabar:**

Nagħżel post komdu fejn nista' ninġabar fil-preżenza ta' Alla.... Alla qiegħed madwari u fija....Bil-mod il-mod inħossu aktar viċin tiegħi u qalbi timtela bil-kwiet u bil-paċi...

**Xhieda ta' żagħżugħ:**



Ta' kull filgħodu kont inqum bl-għajta *Allaahu akbar*, is-sejħa għat-talb tal-*fajr*. Fl-istess ħin kont nisma' l-qniepen tal-knisja jdoqqu għall-*Angelus*. Twelidt u trabbejt ma' ġirien kemm kattoliċi u kemm musulmani. Kien hemm knisja u moskea viċin tad-dar tiegħi.

Oħt il-kbira tal-papà tiegħi miżżewġa musulman Xiita u toqgħod fl-isqaq tiegħi. Għalhekk minn ċkuniti kont parti minn dan l-ambjent interreliġjuż, li sibtu sod għat-trobbija tiegħi personali u soċjali. U dan wassalni biex ninteressa ruħi f'diversi reliġjonijiet u kulturi tad-dinja.

Meta bdejt nitfarfar, minn barra l-fidi Kattolika sirt naf ukoll bl-Islam, jew aħjar b'xi nies li jħaddnu dan it-twemmin u li għandhom importanza f'ħajti. Fisser ħafna għalija u għal ħija kull meta lqajna għandna l-familja taz-zija għad-*dua* fl-aħħar tas-sawm, għidna magħhom il-*bismallah* u ggustajna l-*iftar* flimkien. U l-istess kienu jagħmlu huma magħna fil-festa tal-Milied u fi spazji reliġjużi oħra.

Illum nirrealizza li kbirt naqsam man-nies tal-familja tiegħi fidi lil hinn mir-reliġjon, u li dan it-twemmin sawwar fija ċertu fiduċja fl-umanità. Inrodd ħajr lil ġenituri tiegħi li qatt ma kienu ta' ostaklu għall-interess tiegħi fid-djalogu interreliġjuż. Huwa biss minħabba dawn l-esperjenzi pożittivi li llum nista' niekol u nixrob mill-qawwa li toħroġ mid-djalogu bejn twemmin reliġjuż u ieħor.

**Naħseb ftit:**

X'idea għandi tan-nies ta' reliġjon oħra? Kif nista' nwarrab l-immaġni fissa li għandi tagħhom?

Nista' nagħmel xi ħaġa biex nippromwovi d-djalogu bejn twemmin u ieħor fil-post fejn ngħix?

**Nitlob:**

Għinni Mulej ninfetaħ aktar għan-nies ta' reliġjon oħra.

**Kliem ta' dawl:**

"Mhux se jkun hawn paċi dinjija jekk qabel ma jkollniex il-paċi bejn ir-reliġjonijiet"

*Swami Agnivesh, politiku indjan*

**X'nista' nagħmel:**

Matul dan ix-xahar nimpenja ruħi biex nitlob għad-djalogu bejn ir-reliġjonijiet ħalli jkollna aktar paċi fid-dinja.

Jekk jiġi ċ-ċans, nieħu l-opportunità biex nitħaddet bil-ħlewwa ma' persuna ta' reliġjon oħra.